MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 942/2008

**John Mifsud (K. I. 327859 M)**

**vs**

**Angelo Dalli (K. I. 370046 M), Anthony Dalli (K. I. 514358 M) u Mario Dalli (K.I. 738955 M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' John Mifsud datat 22 ta' Settembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-attur huwa "detentur ta' dritt ta' proprjeta' intellettwali" ghall-iskopijiet tal-ligi fosthom dawk tal-**Att li jirregola l-Infurzar tad-Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta),** *stante* li jinsab registrat bhala proprjetarju tal-privattiva bin-numru ta'

registrazzjoni 3155 bl-isem ta' *"Stone/Soil Separator",* debitament irregistrata f'Malta fid-19 ta' Dicembru 2007 b'effett mit-12 ta' Dicembru 2005;

Illi prezentement l-imsemmija privattiva numru 3155 tinsab ukoll uzata mill-istess attur;

Illi l-attur ghandu fil-pussess tieghu evidenza li turi li l-konvenuti jew min minnhom ghamlu ingenju jew ingenji ghas-separazzjoni ta' gebel u hamrija, kif ukoll qeghdu fis-suq l-istess ingenju jew ingenji ghas-separazzjoni ta' gebel u hamrija, liema ngenju jew ingenji jinkorporaw is-suggett tal-privattiva numru 3155, u dan kollu minghajr l-awtorizzazzjoni tal-istess attur;

Illi dan l-agir jikkostitwixxi ksur lampanti tal-jeddijiet tal-attur debitament sanzjonabbli skont il-ligi. Fil-fatt ghal dan il-kaz japplikaw, *inter alia*, id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 27 (1) (a)** u **(b), 47** u **48 tal-Att dwar il-Privattivi Industrijali u Disinni (Kapitolu 417 tal-Ligijiet ta' Malta),** kif ukoll dawk tal-**artikoli 9** u **11** tal-hawn qabel imsemmi **Kap. 488** fost ohrajn;

Illi minkejja li gew debitament interpellati sabiex *inter alia* jieqfu u jiddezistu minnufih mill-agir illegali taghhom, il-konvenuti xorta wahda baqghu nadempjenti;

Illi l-attur ghandu nteress li jistitwixxi dawn il-procedimenti civili gudizzjarji sabiex jittutela l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali tieghu wara zmien twil ta' ricerka fil-kamp relattiv u ta' sagrificcju min-naha tieghu;

Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenuti, jew min minnhom, konsistenti fl-ghemil ta' ingenju jew ingenji ghas-

separazzjoni ta' gebel u hamrija kif ukoll it-tqeghid fis-suq tal-istess ingenju jew ingenji ghas-separazzjoni ta' gebel u hamrija, liema ngenju jew ingenji jinkorporaw is-suggett tal-privattiva numru 3155 minghajr ma giet ottenuta l-awtorizzazzjoni tal-attur, jikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali tal-attur;

2. Tipprevjeni lill-istess konvenuti, jew min minnhom, milli jaghmlu kwalunkwe forma ta' uzu ta' ingenju jew ingenji ta' separazzjoni ta' gebel u hamrija bi ksur tal-jeddijiet tal-attur;

3. Tordna li l-makkinjarju jew mezzi jew taghmir iehor industrijali li ntuza bi ksur tal-privattiva numru 3155, l-oggetti kontravvenjenti, u l-apparat intiz ghall-produzzjoni relattiva, jigu kkonfiskati kollha kemm huma jew f'parti minnhom skont kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun, u kkunsinnati lill-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 4 ta' Ottubru 2007, tal-protest gudizzjarju datat 7 ta' Novembru 2007 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1342/2008AJM mahrug fit-12 ta' Settembru 2008, ilkoll kontra l-konvenuti, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok "I" a fol. 5 sa fol. 74 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-20 ta' Jannar 2009.

Rat ir-risposta tal-intimati datata 9 ta' Dicembru 2008 a fol. 18 tal-process fejn l-istess ecceppew:-

1. Illi fl-ewwel lok, u minghajr pregudizzju ghas-suepsost, l-intimati jirrilevaw illi *nonostante* l-fatt illi l-esponenti attur huwa detentur ta' dritt ta' propjeta` mtelletwali *stante* illi huwa registrat bhala l-proprjetarju tal-prvattiva bl-isem ta' *'Stone/Soil Separator'* enumerata 3155 din ir-registrazzjoni hija nulla u bla effett *ai termini* tal-ligi, *stante* illi tmur kontra d-dispozizjonijiet tal-**artikoli tal-Kap 417 tal-Ligijiet ta' Malta**, senjatament l-**artikolu**

**4 (1),** li jiddisponi illi sabiex idea tinghata privattiva, din trid tkun gdida u tunvolvi pass inventiv;

2. Illi l-idea nfisha tas-*Stone/Soil Separator* mhux gdida u ma tinvolvi l-ebda pass inventiv, u dan peress illi la l-ingenju nnifsu, u lanqas il-mod kif jahdem l-istess ingenju ma huwa xi nvenzjoni gdida u innovattiva. Bizzejjed illi wiehed jidhol fuq l-*internet* u permezz tas-*search engine* uzata jnizzel il-kliem *stone soil separator*. Infatti dawn it-tip ta' ingenji kienu ilhom jezistu qabel, u madwar id-dinja senjatament fl-Ingilterra u anke fil-Germanja, hemm hafna ingenji ta' din ix-xorta, li jisseparaw il-gebel mill-hamnja. Tant hu hekk, illi jirrizulta wkoll illi dan l-ingenju kien ga registrat gewwa l-Amerika (US Patent 6237778);

3. Illi jirrizulta ghalhekk illi l-intimati ma kisru ebda dritt illi kellu l-attur rikorrenti, bis-semplici fatt illi huma bnew dan l-ingenju illi huwa komuni mad-dinja kollha;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-ingenju uzat minn l-intimati huwa ghal kollox differenti minn dak uzat minn l-attur, u dan peress illi filfatt l-ingenju uzat mill-intimati jahdem b'teknologija kompletament differenti minn dik tal-attur, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, okkorendo anke b'nomina ta' periti nominandi"

5. *Inoltre*, sussidjarjament, assolutament mhux minnhu illi l-intimati qed juzaw l-ingenju taghhom fil-kors ta’ kummerc, jew li bi hsiebhom ipoggu l-istess fis-suq. L-intimati juzaw dan l-ingenju fil-kors tax-xoghol taghhom biss.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti intimati, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha,biex ghar-ragunijiet suesposti, tichad it-talbiet attrici, u dan bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol. 86 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-2- ta’ Jannar 2009 fejn il-Qorti tat

zmien lill-intimati sabiex jipprezentaw l-affidavits taghhom b'digriet relattiv u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa zewg seduti b'ordni tal-Qorti ghall-kontro ezamijiet kollha relattivi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri datati 5 ta' Marzu 2009 fejn inghad li Dr. Marion Camilleri ghall-intimati kienet ser tipprezenta rikors sabiex tipprezenta x-xhieda tal-intimati bl-affidavit u dik tal-20 ta' Marzu 2009 fejn la dehru l-konvenuti u lanqas l-avukat taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti datata 28 ta' April 2009 fejn deher biss Dr. Luigi Sansone ghall-attur u l-intimati u d-difensur taghhom baqghu ma' dehrux, u peress li l-Qorti nnutat li l-istess intimati la resqu xhieda bil-procedura ta' l-affidavit u lanqas resqu ebda xhieda, ddikjarat il-provi maghluqa u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta' Gunju 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone ghall-attur prezenti. Il-konvenut u d-difensur taghhom msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Sansone tratta l-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Gunju 2009. Aktar tard dehret Dr. Marion Camilleri li hadet konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur huwa "detentur ta' dritt ta' proprjeta' intellettwali" ghall-iskopijiet tal-ligi fosthom dawk tal-**Kap. 417 u 488 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghaliex jinsab registrat bhala proprjetarju tal-privattiva bin-numru ta' registrazzjoni 3155 bl-isem ta' *"Stone/Soil*

*Separator",* debitament irregistrata f'Malta fid-19 ta' Dicembru 2007 b'effett mit-12 ta' Dicembru 2005 (Dok. "A") u fil-fatt l-imsemmija privattiva numru 3155 tinsab ukoll uzata mill-istess attur u giet regolarment imgedda skont il-ligi kif jidher mic-certifikat esebit bhala Dok. "C" (fol. 18). Dan ma huwiex kontestat mill-intimati, u fil-verita' lanqas jista' jkun peress li tali registrazzjoni tinsab ippruvata permezz tar-registrazzjoni tal-istess.

Illi fil-fatt jirrizulta li d-deskrizzjoni ta' l-istess *"Stone/Soil Separator"* u l-istess invenzjoni tinsab deskritta fid-Dok. "B" anness mar-rikors guramentat. Fl-affidavit attrici (Dok. "I") hemm indikati t-tentattivi kollha li saru mill-attur sabiex saret din l-invenzjoni u kif eventwalment din giet registrata proprju sabiex l-istess attur jipprotegi d-drittijiet tieghu fuq l-istess makkinarju u dan ifisser li la darba l-istess invenzjoni giet hekk registrata skont il-**Kap. 417 tal-Ligijiet ta' Malta** jirrizulta li min ikollu d-dritt ta' privattiva registrat kif indikat fl-Att ikun issodisfa l-ligi li ghandu invenzjoni gdida skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 u 5 tal-istess Kap. 417**, u kull min jinghata tali dritt ta' privattiva jkollu d-dritt li skont l-**artikolu 27** jipprevjeni lil terzi milli (a) jwettqu, minghajr ma jkollhom l-awtorizzazzjoni tieghu, l-atti li jinkludu l-ghemil tal-prodott li jkun jinkorpora s-suggett tal-privattiva jew (b) l-offerta ghall-bejgh jew tqeghid fis-suq tal-istess prodott jew importazzjoni jew hazna tal-istess jew (c) li thajjar lill-terzi li jwettqu xi wiehed mill-atti indikati fl-istess process fuq indikati.

Illi mill-provi u dokumenti prodotti jirrizulta li effettivament il-konvenuti ghamlu ingenju ghas-separazzjoni ta' gebel u hamrija, liema ingenju jinkorpora s-suggett tal-privattiva numru 3155, u dan kollu minghajr l-awtorizzazzjoni tal-istess attur u b'hekk qed jigu lezi d-drittijiet tal-attur fuq l-istess oggett; fil-fatt jidher li l-kuncett u l-mudell uzat mill-konvenuti huwa kopja ta' dak appartenenti lill-attur u li fuqu ghandu d-dritt ta' privattiva.

Illi fil-fatt dan gie ppruvat mix-xhieda attrici permezz ta' l-affidavit tieghu datat 22 ta' Settembru 2008 fejn l-istess attur jiddiskrivi kif il-makkinarju uzat mill-konvenuti ghandu

magna bhala dik attrici u kif jirrizulta li l-istess konvenuti hadu l-istess ideja u kuncett uzat mill-attur, anke peress li jidher li l-konvenut Mario Dalli kellu access ghall-makkinarji tal-attur mertu tal-kawza odjerna. Dwar dan hemm ukoll il-kollaborazzjoni ta' Sylvester Mifsud, hu l-attur, fejn fl-affidavit tieghu datat 5 ta' Dicembru 2008 jispjega kif proprju l-intimat Mario Dalli kien ghamel xi zmien jahdem maghhom u dan kellu access ghall-istess makkinarju *de quo.*

Illi dan jinsab ukoll ikkonfermat mir-ritratti esebiti fejn fil-fatt fid-Dok. "D" hemm il-makkinarju prottett bi dritt ta' privattiva tal-attur mentri fir-ritratti esebiti bhala Dok. "E" hemm l-apparat li gie uzat mill-konvenuti, u minn dawn l-istess ritratti jirrizulta wkoll li fil-fatt il-makkinarju uzat mill-konvenuti huwa bhal dak ta' l-attur. Fil-verita ir-risposta guramentata tal-intimati tikkonferma dan almenu minn dak li jirrizulta fit-tielet paragrafu tal-istess. Illi ghalhekk t-tielet u r-raba' eccezzjoni qed jigu michuda.

Illi l-eccezzjonijiet l-ohra *da parte* tal-intimati ma jistghux jigu milqugha u dan peress li ghall-fini ta' din il-kawza la darba l-istess *"Stone/Soil Separator"* gie debitament registrat skont il-ligi, dan ifisser li l-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali kkonsidra l-istess prodott bhala invenzjoni gdida b'jedd ghall-privattiva skont id-disposizzjoni tal-**Kap. 417** u jinghad f'dan il-kuntest li l-istess intimati bl-ebda mod ma' bdew xi procedura sabiex jikkontestaw il-validita' ta' tali registrazzjoni tad-dritt ta' privattiva bil-mod kif jipprovdi l-**artikolu 44 u 48 (4) tal-istess Kap 417.** Ghalhekk in vista ta' dan kollu l-ewwel u t-tieni eccezzjoni qed jigu michuda, ghaliex bil-mod kif hija redatta din il-kawza u bil-mod kif gew pprezentati l-istess eccezzjonijiet dawn ma jreggux u ghalhekk huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi jirrizulta wkoll li ghalhekk il-konvenuti qed jaghmlu uzu minn oggett li huwa suggett ta' dritt ta' privattiva favur l-attur u dan l-agir jikkostitwixxi ksur lampanti tal-jeddijiet tal-attur debitament sanzjonabbli skont il-ligi.

Illi l-istess intimati gew interpallati sabiex jieqfu milli jaghmlu uzu mill-istess ingenju ta' separazzjoni ta' gebel u hamrija u dan permezz ta' ittra legali datata 4 ta' Ottubru 2007 u l-intimati baqghu ma rrispondewx ghall-istess ghalkemm jidher li Anthony Dalli rreagixxa negattivament bil-mod kif deskritt fl-istess affidavit fil-konfront tal-attur. Sar ukoll protest gudizzjarju datat 7 ta' Novembru 2007 (fol. 47) kontra l-istess intimati u jidher li dawn ghal xi zmien waqfu milli juzaw l-istess makkinarju, sakemm jidher li l-istess intimati bdew jergghu juzaw l-istess f'Lulju 2008 u ghalhekk saret talba mill-attur ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati li gie milqugh b'digriet tat-12 ta' Settembru 2008 (M.I Numru 1342/2008/AJM), ghalkemm fil-mori tal-istess procedura l-intimat Anglu Dalli kien offra li jhallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) (€2,329.37) sabiex l-istess intimati jithallew juzaw l-istess makkinarju b'dan li l-attur icedi l-procedura pendenti, izda l-attur dan ma accettahx u ghalhekk saret din il-kawza kemm sabiex l-istess ingenju ma jibqax jigi uzat mill-intimati u wkoll sabiex l-istess ingenju ma jigix offrut fis-suq mill-istess intimati.

Illi infatti jirrizulta li ghalkemm s'issa l-intimati ttentaw juzaw l-istess mekkanirju huma, ma hemm xejn verament xi jzomm lill-istess konvenuti/intimati milli joffru ghall-bejgh jew b'xi mod jiddisponu mill-istess prodott favur terzi u ghalhekk jidher li l-kawza saret kif saret bit-talbiet hemm indikati.

Illi effettivament ghal dan il-kaz japplikaw, *inter alia*, id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 27 (1) (a) u (b), 47** u **48 tal-Kap. 417** kif ukoll dawk tal-**artikoli 9** u **11** tal-hawn qabel imsemmi **Kap. 488** fost ohrajn. B'hekk il-hames eccezzjoni qed tigi michuda, ghaliex ghall-fini tal-ligi huwa bizzejjed li l-istess konvenuti ghamlu prodott identiku ghal dak tal-attur sabiex jigi kkunsidrat li l-konvenuti kisru d-drittijiet tal-attur taht l-istess **Att dwar il-Privattivi Industrijali u Disinni (Kap. 417),** ghalkemm kif inghad ma hemm xejn x'jimpedixxi lill-konvenuti milli jqassmu u/jew ibieghu l-istess oggett mertu tal-kawza odjerna lil terzi. Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenuti konsistenti fl-ghemil ta' ingenju jew ingenji ghas-separazzjoni ta' gebel u hamrija li jista' jinkorpora ukoll it-tqeghid fis-suq tal-istess ingenju jew ingenji ghas-separazzjoni ta' gebel u hamrija, liema ngenju jew ingenji jinkorporaw is-suggett tal-privattiva numru 3155 minghajr ma giet ottenuta l-awtorizzazzjoni tal-attur, jikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali tal-attur;

2. Tipprevjeni lill-istess konvenuti milli jaghmlu kwalunkwe forma ta' uzu ta' ingenju jew ingenji ta' separazzjoni ta' gebel u hamrija bi ksur tal-jeddijiet tal-attur b'dan li tinibixxi lill-konvenuti milli jaghmlu uzu tal-istess ingenju u dan ukoll taht is-sanzjonijiet tal-**artikolu 10 tal-Kap. 488.**

3. Tordna li l-makkinjarju u l-mezzi u kull taghmir iehor industrijali li ntuza bi ksur tal-privattiva numru 3155, l-oggetti kontravvenjenti, u kwalunkwe apparat intiz ghall-produzzjoni relattiva, jigu kkonfiskati kollha mill-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali bil-mezzi kollha disponibbli bil-ligi u dan fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni u dan billi l-istess makkinarju u apparat relattiv effettivament jittiehed mill-pussess tal-intimati u jigi kkunsinjat lill-attur fl-istess terminu hawn perentorjament prefiss, u dan kollox a spejjez tal-intimati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 4 ta' Ottubru 2007, tal-protest gudizzjarju datat 7 ta' Novembru 2007 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1342/2008AJM mahrug fit-12 ta' Settembru 2008 kontra l-istess konvenuti, b'dan li din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din id-decizjoni tigi notifikata mill-attur lill-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali, a spejjez tal-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------